MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1217/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**
vs

**Anthony Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet illi permezz ta' skrittura privata datata 3 ta' Lulju, 2000 (Dok. A) is-socjeta' attrici kkoncediet "Loan Facility" lill-konvenut Anthony Cardona;

Ippremettiet illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Anthony Cardona fis-somma ta' hamest elef u wiehed u hamsin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm5,051.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Anthony Cardona mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B4) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Jippremettiet illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmija skrittura privata datata 3 ta' Lulju, 2000 fuq imsemmija partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Anthony Cardona (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraniditkata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Anthony Cardona li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

Jippremettiet illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Novembru, 2001 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok C, sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti;

Talbet bix il-konvenut ighid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 3 ta' Lulju, 2000 fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Anthony Cardona (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socejta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, (b) kien inadempjenti f"obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Anthony Cardona li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

(2) Tikkundanna lil Anthony Cardona jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef u wiehed u hamsin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm5,051.93) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Anthony Cardona mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B4) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 15 ta’ Novembru, 2001 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba b’ LM502.08 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta’ LM4559.85 u bl-imghaxijiet mill-1 ta’ Ottubru, 2003, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------